Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 684/2009

tal-24 ta' Lulju 2009

li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE fir-rigward tal-proċeduri kompjuterizzati għall-moviment ta' prodotti tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa

(ĠU L 197, 29.7.2009, p. 24)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1221/2012 tat-12 ta' Diċembru 2012	L 349	9	19.12.2012
►M2	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta' Frar 2013	L 158	74	10.6.2013
►M3	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 76/2014 tat-28 ta' Jannar 2014	L 26	4	29.1.2014
►M4	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/379 tal-11 ta' Marzu 2016	L 72	13	17.3.2016
►M5	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/503 tas-7 ta' Marzu 2018	L 86	1	28.3.2018
►M6	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/550 tas-6 ta' April 2018	L 91	13	9.4.2018
►M7	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2222 tat-12 ta' Diċembru 2019	L 333	56	27.12.2019

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 684/2009

tal-24 ta' Lulju 2009

li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE fir-rigward tal-proċeduri kompjuterizzati għall-moviment ta' prodotti tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Direttiva tistipula miżuri dwar dawn li ġejjin:

(a) l-istruttura u l-kontenut tal-messaġġi elettroniċi skambjati permezz tas-sistema kompjuterizzata msemmija fl-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2008/118/KE għall-finijiet tal-Artikoli 21 sa 25 ta' dik id-Direttiva;

(b) ir-regoli u l-proċeduri relatati mal-iskambji tal-messaġġi msemmija fil-punt (a);

(c) L-istruttura tad-dokumenti fuq karta msemmija fl-Artikoli 26 u 27 tad-Direttiva 2008/118/KE.

Artikolu 2

Obbligi relatati mal-messaġġi skambjati permezz tas-sistema kompjuterizzata

Fir-rigward tal-istruttura u l-kontenut, il-messaġġi skambjati għall-finijiet tal-Artikoli 21 sa 25 tad-Direttiva 2008/118/KE għandhom jikkonformaw mal-Anness I ta' dan ir-Regolament. Fejn huma meħtieġa kodiċijiet sabiex jimtlew ċerti spazji għad-dejta f'dawn il-messaġġi, għandhom jintużaw il-kodiċijiet elenkati fl-Anness II.

Artikolu 3

Formalitajiet qabel il-bidu tal-moviment tal-prodotti tas-sisa

1. L-abbozz tad-dokument amministrattiv imressaq skont l-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2008/118/KE u d-dokument amministrattiv li għalih ġiet assenjata kodiċi ta' referenza amministrattiva skont it-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 21(3) ta' dik id-Direttiva għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. L-abbozz tad-dokument amministrattiv għandu jitressaq mhux aktar tard minn 7 ijiem qabel id-data indikata f'dak id-dokument bħala d-data tal-kunsinja tal-prodotti tas-sisa kkonċernati.

Artikolu 4

Kanċellazzjoni tad-dokument amministrattiv elettroniku

1. Il-kunsinjatur li jkun irid iħassar id-dokument amministrattiv elettroniku msemmi fl-Artikolu 21(7) tad-Direttiva 2008/118/KE għandu jimla l-ispazji apposta tal-abbozz tal-messaġġ tal-kanċellazzjoni u jressqu

▼B

lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-kunsinja. L-abbozz tal-messaġġ tal-kanċellazzjoni għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-kunsinja għandhom iwettqu verifika elettronika tad-dejta fl-abbozz tal-messaġġ ta' kanċellazzjoni.

Meta din id-dejta tkun valida, dawk l-awtoritajiet għandhom iżidu d-data u l-ħin tal-validazzjoni mal-messaġġ tal-kanċellazzjoni, jikkomunikaw dik l-informazzjoni lill-kunsinjatur u jgħaddu l-messaġġ tal-kanċellazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni. Meta din id-dejta ma tkunx valida, il-kunsinjatur għandu jiġi infurmat mingħajr dewmien.

3. Meta jasal il-messaġġ tal-kanċellazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni għandhom jgħaddu l-messaġġ tal-kanċellazzjoni lill-kunsinjatarju meta l-kunsinjatarju huwa maħżen awtorizzat jew kunsinjatarju rreġistrat.

Artikolu 5

Messaġġi li jirrigwardaw bdil tad-destinazzjoni tal-moviment tal-prodotti tas-sisa

1. Il-kunsinjatur li jkun irid jemenda d-destinazzjoni kif ipprovdut fl-Artikolu 21(8) tad-Direttiva 2008/118/KE, jew jimla d-destinazzjoni kif ipprovdut fl-Artikolu 22(2) tagħha, għandu jimla l-ispazji apposta tal-abbozz tal-messaġġ tal-bdil tad-destinazzjoni u jressqu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-kunsinja. L-abbozz tal-messaġġ tal-bdil tad-destinazzjoni għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Tabella 3 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-kunsinja għandhom iwettqu verifika elettronika tad-dejta fl-abbozz tal-messaġġ tal-bdil tad-destinazzjoni.

Fejn dik id-dejta hija valida, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-kunsinja għandhom:

(a) iżidu d-data u l-ħin tal-validazzjoni u numru tas-sekwenza għall-messaġġ tal-bdil tad-destinazzjoni u jinfurmaw lill-kunsinjatur b'dan;

(b) jaġġornaw id-dokument amministrattiv elettroniku oriġinali skont l-informazzjoni fil-messaġġ tal-bdil tad-destinazzjoni.

Jekk l-aġġornament jinkludi bdil fl-Istat Membru tad-destinazzjoni jew bdil tal-kunsinjatarju, l-Artikolu 21(4) u (5) tad-Direttiva 2008/118/KE għandhom japplikaw fir-rigward tad-dokument amministrattiv elettroniku aġġornat.

3. Jekk l-aġġornament imsemmi fil-paragrafu 2(b) jinkludi bdil fl-Istat Membru tad-destinazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-kunsinja għandhom jibagħtu l-messaġġ tal-bdil tad-destinazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni msemmi fid-dokument amministrattiv elettroniku oriġinali.

Dawn l-awtoritajiet għandhom jinfurmaw lill-kunsinjatarju msemmi fid-dokument amministrattiv elettroniku oriġinali bil-bdil tad-destinazzjoni billi jużaw "in-notifika tal-bdil tad-destinazzjoni" li għandha tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Tabella 4 tal-Anness I.

▼B

4. Jekk l-aġġornament imsemmi fil-paragrafu 2(b) jinkludi bdil fil-post tal-kunsinja msemmi fil-grupp tad-dejta 7 tad-dokument amministrattiv elettroniku, iżda mhux bdil fl-Istat Membru tad-destinazzjoni jew bdil fil-kunsinjatarju, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-kunsinja għandhom jibagħtu l-messaġġ tal-bdil tad-destinazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni msemmi fid-dokument amministrattiv elettroniku oriġinali.

Dawn l-awtoritajiet għandhom jibagħtu l-messaġġ tal-bdil tad-destinazzjoni lill-kunsinjatarju.

5. Fejn id-dejta fl-abbozz tal-messaġġ tal-operazzjoni tal-qsim mhix valida, il-kunsinjatur għandu jiġi infurmat b'dan mingħajr dewmien.

6. Jekk id-dokument amministrattiv elettroniku aġġornat jinkludi kunsinjatarju ġdid fl-istess Stat Membru tad-destinazzjoni bħal fid-dokument amministrattiv elettroniku oriġinali, l-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandhom jinfurmaw lill-kunsinjatarju msemmi fid-dokument amministrattiv elettroniku oriġinali bil-bdil tad-destinazzjoni billi jużaw "in-notifika tal-bdil tad-destinazzjoni" li għandha tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Tabella 4 tal-Anness I.

Artikolu 6

Messaġġi dwar il-qsim tal-moviment tal-prodotti tas-sisa

1. Il-kunsinjatur li jkun irid jaqsam il-moviment tal-prodotti tas-sisa kif stipulat fl-Artikolu 23 tad-Direttiva 2008/118/KE għandu jimla l-ispazji apposta tal-abbozz tal-messaġġ tal-operazzjoni tal-qsim għal kull destinazzjoni u jressqu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-kunsinja. L-abbozz tal-messaġġ tal-operazzjoni tal-qsim għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Tabella 5 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-kunsinja għandhom iwettqu verifika elettronika tad-dejta fl-abbozzi tal-messaġġi tal-operazzjonijiet tal-qsim.

Fejn dik id-dejta hija valida, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-kunsinja għandhom:

(a) jiġġeneraw dokument amministrattiv ġdid għal kull destinazzjoni, li għandu jissostitwixxi d-dokument amministrattiv elettroniku oriġinali;

(b) jiġġeneraw għad-dokument amministrattiv elettroniku oriġinali "notifika ta' qsim", li għandha tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Tabella 4 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(c) jibagħtu n-notifika tal-qsim lill-kunsinjatur u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni msemmi fid-dokument amministrattiv elettroniku oriġinali.

L-Artikolu 21(3), it-tielet sottoparagrafu u l-Artikolu 21(4), (5) u (6) tad-Direttiva 2008/118/KE għandhom japplikaw fir-rigward ta' kull dokument amministrattiv elettroniku ġdid imsemmi fil-punt (a)

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni msemmi fid-dokument amministrattiv elettroniku oriġinali għandu jgħaddi n-notifika tal-qsim lill-kunsinjatarju msemmi fid-dokument amministrattiv elettroniku oriġinali fejn il-kunsinjatarju huwa maħżen awtorizzat jew kunsinjatarju rreġistrat.

▼B

4. Fejn id-dejta fl-abbozz tal-messaġġ tal-operazzjoni tal-qsim mhix valida, il-kunsinjatur għandu jiġi infurmat b'dan mingħajr dewmien.

Artikolu 7

Formalitajiet fi tmiem il-moviment tal-prodotti tas-sisa

Ir-rapport tal-irċevuta ppreżentat skont l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2008/118/KE u r-rapport tal-esportazzjoni ppreżentat skont l-Artikolu 25 ta' dik id-Direttiva, għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Tabella 6 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 8

Proċeduri ta' riżerva

1. Id-dokument fuq karta msemmi fl-Artikolu 26(1)(a) tad-Direttiva 2008/118/KE għandu jkollu t-titlu "Dokument ta' akkumpanjament ta' riżerva għal movimenti ta' prodotti tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa". Id-dejta meħtieġa għandha tintwera fil-forma ta' elementi ta' dejta, espressi bl-istess mod bħal dak tad-dokument amministrattiv elettroniku. L-elementi kollha tad-dejta, u kif ukoll il-gruppi tad-dejta u s-sottogruppi tad-dejta li minnhom huma jiffurmaw parti, għandhom jiġu identifikati permezz tan-numri u l-ittri fil-kolonna A u l-kolonna B tat-Tabella 1 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 26(5) tad-Direttiva 2008/118/KE li għandha tiġi kkomunikata mill-kunsinjatur lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-kunsinja għandha tintwera fil-forma ta' elementi ta' dejta, espressi bl-istess mod bħal fil-messaġġ tal-bdil tad-destinazzjoni jew il-messaġġ tal-operazzjoni tal-qsim, skont il-każ. L-elementi kollha ta' dejta, u kif ukoll il-gruppi u s-sottogruppi li minnhom huma jiffurmaw parti, għandhom jiġu identifikati permezz tan-numri u l-ittri fil-kolonna A u l-kolonna B tat-Tabella 3 jew, skont il-każ, it-Tabella 5 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

3. Id-dokumenti fuq karta msemmija fl-Artikolu 27(1) u (2) tad-Direttiva 2008/118/KE għandhom iġorru t-titlu "Rapport ta' Riżerva tal-Irċevuta/ Rapport tal-Esportazzjoni għal movimenti ta' prodotti tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa". Id-dejta meħtieġa għandha tintwera fil-forma ta' elementi ta' dejta, espressi bl-istess mod bħal dak tar-rapport tal-irċevuta jew ir-rapport tal-esportazzjoni skont il-każ. L-elementi kollha tad-dejta, u kif ukoll il-gruppi tad-dejta u s-sottogruppi tad-dejta li minnhom huma jiffurmaw parti, għandhom jiġu identifikati permezz tan-numri u l-ittri fil-kolonna A u l-kolonna B tat-Tabella 6 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 9

Revoka

Ir-Regolament (KEE) Nru 2719/92 huwa mħassar b'effett mill-1 ta' April 2010. Madankollu, huwa għandu jkompli japplika għall-movimenti msemmija fl-Artikolu 46 tad-Direttiva 2008/118/KE.

Referenzi għar-Regolament irrevokat għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

▼B

Artikolu 10

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu jibda japplika mill-1 ta' April 2010 bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 6 li għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2012.

Dan ir-Regolament għandu jkun obbligatorju fl-intier tiegħu u applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

MESSAĠĠI ELETTRONIĊI UŻATI GĦALL-ISKOP TAL-MOVIMENTI TAL-PRODOTTI TAS-SISA TAĦT SOSPENSJONI TAD-DAZJU TAS-SISA

NOTI TA' SPJEGAZZJONI

(1) L-elementi tad-dejta tal-messaġġi elettroniċi użati għall-finijiet tas-sistema kompjuterizzata msemmija fl-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2008/118/KE huma strutturati fi gruppi ta' dejta u, fejn applikabbli, sottogruppi ta' dejta. Id-dettalji dwar id-dejta u l-użu tagħha huma ppreżentati fit-Tabelli 1 sa 6, li fihom:

(a) il-kolonna A tipprovdi l-kodiċi numerika (numru) attribwita għal kull grupp ta' dejta u sottogrupp ta' dejta; kull sottogrupp isegwi n-numru tas-sekwenza tas-(sotto)grupp tad-dejta li minnu jagħmel parti (pereżempju: fejn in-numru tal-grupp tad-dejta huwa 1, sottogrupp wieħed tad-dejta ta' dan il-grupp huwa 1.1 u sottogrupp wieħed tad-dejta ta' dan is-sottogrupp huwa 1.1.1);

(b) il-kolonna B tipprovdi l-kodiċi alfabetiika (ittra) attribwita lil kull element tad-dejta f'(sotto)grupp tad-dejta;

(ċ) il-kolonna C tidentifika s-(sotto)grupp tad-dejta jew l-element tad-dejta;

(d) il-kolonna D tipprovdi lil kull (sotto)grupp tad-dejta jew element tad-dejta b'valur li jindika jekk l-inserzjoni tad-dejta relevanti hix:

— "R" (Obbligatorja), li tfisser li d-dejta trid tiġi pprovduta. Fejn (sotto)grupp tad-dejta huwa "O" (Fakultattiv) jew "C" (Kundizzjonali), elementi tad-dejta fi ħdan dak il-grupp xorta waħda jistgħu jkunu "R" (Obblitatorja) meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jkunu ddeċidew li d-dejta f'dan is-(sotto)grupp għandha timtela jew meta tapplika l-kundizzjoni;

— "O" (Fakultattiva), tfisser li l-inserzjoni tad-dejta hija fakultattiva għall-persuna li qed tissottometti l-messaġġ (il-kunsinjatur jew il-kunsinjatarju) minbarra fejn Stat Membru jkun stipula li d-dejta huma meħtieġa f'konformità mal-għażla pprovduta fil-kolonna E għal xi whud mis-(sotto)gruppi tad-dejta jew elementi tad-dejta fakultattivi;

— "C" (Kundizzjonali), tfisser li l-użu tas-(sotto)grupp tad-dejta jew l-element tad-dejta jiddependi fuq (sotto)gruppi jew elementi tad-dejta oħra fl-istess messaġġ;

— "D" (Dipendenti), tfisser li l-użu tas-(sotto)grupp tad-dejta jew l-element tad-dejta jiddependi fuq kundizzjoni li ma tistax tiġi kkontrollata mis-sistema kkompjuterizzata, kif stipulat fil-kolonni E u F.

(e) il-kolonna E tipprovdi l-kundizzjoni(jiet) għad-dejta li l-inserzjoni tagħha hija kundizzjonali, tispeċifika l-użu tad-dejta fakultattiva u dipendenti fejn applikabbli u tindika liema dejta għandha tiġi pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti;

(f) il-kolonna F tipprovdi spjegazzjonijiet, fejn meħtieġ, dwar kif għandu jsir il-messaġġ;

(g) il-kolonna G tipprovdi:

— għal xi (sotto)gruppi ta' dejta, numru segwit mill-karattru "x" li jindika kemm-il darba s-(sotto)grupp tad-dejta jista' jiġi ripetut fil-messaġġ (jekk mhux indikat mod ieħor = 1), u

▼B

— għal kull element tad-dejta, minbarra għall-elementi tad-dejta li jindikaw iż-żmien u/jew id-data, il-karatteristiċi li jidentifikaw it-tip tad-dejta u t-tul tad-dejta. Il-kodiċijiet għat-tipi ta' dejta huma kif ġej:

— a alfabetika

— n numerika

— an alfanumerika

In-numru ta' wara l-kodiċi jipprovdi t-tul ammissibbli tad-dejta għall-element tad-dejta kkonċernat. Iż-żewġ tikek mhux obbligatorji qabel l-indikatur tat-tul ifissru li d-dejta m'għandhiex tul fiss, iżda jista' jkollha numru ta' ċifri, kif speċifikat mill-indikatur tat-tul. Virgola fit-tul tad-dejta tfisser li d-dejta jista' jkollha d-deċimali, in-numru qabel il-virgola jindika t-tul totali tal-attribwit, in-numru wara l-virgola jindika n-numru massimu ta' numri wara l-punt deċimali.

— għal elementi tad-dejta li jindikaw il-ħin u/jew id-data, il-kliem “date”, “time” jew “dateTime”, li jfissru li d-data, il-ħin jew id-data u l-ħin għandhom jingħataw skont l-istandard tal-ISO 8601 għar-rappreżentazzjoni tad-dati u l-ħin.

(2) L-abbrevjazzjonijiet li ġejjin huma użati fit-Tabelli 1 sa 6:

— e-AD: dokument amministrattiv elettroniku

— ARC: kodiċi amministrattiva ta' referenza

— SEED: Is-sistema għall-iskambju tad-dejta tas-sisa (il-bażi tad-dejta elettronika msemmija fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2073/2004 ([1])

— Kodiċi NM: Kodiċi Nomenklatura Magħquda

([1]) ĠU L 359, 4.12.2004, p. 1.

▼M7

Tabella 1

(imsemmija fl-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 8(1))

Abbozz tad-dokument amministrattiv elettroniku u d-dokument amministrattiv elettroniku

A	B	C	D	E	F	G
		ATTRIBUT	R			
	a	Tip ta' Messaġġ	R		Il-valuri possibli huma: 1 = Sottomissjoni standard (trid tintuża fil-każijiet kollha minbarra fejn is-sottomissjoni tirrigwarda esportazzjoni b'approvazzjoni lokali), 2 = Sottomissjoni għall-esportazzjoni b'approvazzjoni lokali. It-tip ta' messaġġ ma jridx jokkorri fl-e-AD li għalih ikun ġie assenjat ARC, u lanqas fid-dokument fuq karta msemmi fl-Artikolu 8(1) ta' dan ir-Regolament.	n1
	b	Indikatur tas-Sottomissjoni Differita	D	"R" għas-sottomissjoni ta' e-AD għal moviment li beda taħt kopertura tad-dokument fuq karta msemmi fl-Artikolu 8(1)	Valuri possibbli: 0 = falz, 1 = veru. Il-valur huwa awtomatikament indikat "falz". Dan l-element ta' *data* ma jridx jokkorri fl-e-AD li għalih ġie assenjat ARC, u lanqas fid-dokument stampat imsemmi fl-Artikolu 8(1).	n1
1		**e-AD TAL-MOVIMENT TAS-SISA**	R			
	a	Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni	R		Ipprovdi d-destinazzjoni tal-moviment bl-użu ta' wieħed minn dawn il-valuri li ġejjin: 1 = Maħżen tat-taxxa (il-punt (i) tal-Artikolu 17(1)(a) tad-Direttiva 2008/118/KE), 2 = Kunsinjatarju reġistrat (il-punt (ii) tal-Artikolu 17(1)(a) tad-Direttiva 2008/118/KE),	n1

▼M7

A	B	C	D	E	F	G
					3 = Kunsinjatarju reġistrat temporanjament (il-punt (ii) tal-Artikolu 17(1)(a) u l-Artikolu 19(3) tad-Direttiva 2008/118/KE), 4 = Konsenja diretta (l-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 2008/118/KE), 5 = Kunsinjatarju eżentat (il-punt (iv) tal-Artikolu 17(1)(a) tad-Direttiva 2008/118/KE), 6 = Esportazzjoni (il-punt (iii) tal-Artikolu 17(1)(a) tad-Direttiva 2008/118/KE). 8 = Destinazzjoni mhux magħrufa (kunsinjatarju mhux magħruf; l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2008/118/KE).	
	b	Ħin tal-Vjaġġ	R		Ipprovdi l-perjodu ta' żmien normali meħtieġ għall-vjaġġ filwaqt li tqis il-mezz tat-trasport u d-distanza involuti, espress f'sigħat (H) jew fi ġranet (D) segwit b'numru ta' żewġ ċifri (eżempji: H12, jew D04). Indikazzjoni għal "H" jenħtieġ li tkun 24 jew anqas. L-indikazzjoni għal "D" jenħtieġ li tkun inqas jew ugwali għall-valuri possibbli tal-Ħin Massimu tal-Vjaġġ Skont il-Kodiċi tal-Mezz tat-Trasport ippreżentati fil-lista tal-Kodiċijiet 13 tal-Anness II.	an3
	c	Arranġament tat-Trasport	R		Identifika l-persuna responsabbli sabiex torganizza l-ewwel trasport bl-użu ta' wieħed mill-valuri li ġejjin: 1 = Kunsinjatur, 2 = Kunsinjatarju, 3 = Sid il-prodotti, 4 = Oħrajn.	n1
	d	ARC	R	Irid jiġi pprovdut mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-dispaċċ mal-validazzjoni tal-abbozz tal-e-AD	Ara l-Lista tal-kodiċijiet 2 tal-Anness II.	an21
	e	Data u Ħin tal-Validazzjoni tal-e-AD	R	Irid jiġi pprovdut mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-dispaċċ mal-validazzjoni tal-abbozz tal-e-AD	Il-ħin indirizzat huwa l-ħin lokali.	dateTime

▼M7

A	B	C	D	E	F	G
	f	Numru tas-Sekwenza	R	Irid jiġi pprovdut mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-dispaċċ mal-validazzjoni tal-abbozz tal-e-AD u għal kull bidla fid-destinazzjoni	Issettjat bħala 1 fil-validazzjoni inizjali u wara inkrimentat b'1 f'kull e-AD ġġenerat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-dispaċċ ma' kull bidla fid-destinazzjoni.	n..2
	g	Data u Ħin tal-Validazzjoni tal-Aġġornament	C	Id-data u l-ħin tal-validazzjoni tal-messaġġ tal-bidla fid-destinazzjoni fit-Tabella 3, li jridu jiġu pprovduti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-dispaċċ fil-każ ta' bidla fid-destinazzjoni	Il-ħin indirizzat huwa l-ħin lokali.	dateTime
2		**KUMMERĊJANT Konsenjatur**	R			
	a	Numru tas-Sisa tal-Kummerċjant	R		Ipprovdi numru tar-reġistrazzjoni SEED validu tal-persuna awtorizzata li tieħu ħsieb il-maħżen jew konsenjatur reġistrat.	an13
	b	Isem il-Kummerċjant	R			an..182
	c	Isem tat-Triq	R			an..65
	d	Numru tat-Triq	O			an..11
	e	Kodiċi postali	R			an..10
	f	Belt	R			an..50
	g	NAD_LNG	R		Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentat fil-Lista tal-kodiċijiet 1 tal-Anness II sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp ta' *data*.	a2
3		**KUMMERĊJANT Post tad-Dispaċċ**	C	"R" jekk il-Kodiċi tat-Tip tal-Oriġini fil-kaxxa 9d jkun "1"		
	a	Referenza tal-Maħżen tat-Taxxa	R		Ipprovdi numru tar-reġistrazzjoni SEED validu tal-maħżen tat-taxxa tad-dispaċċ.	an13

▼M7

A	B	C	D	E	F	G
	b	Isem il-Kummerċjant	O			an..182
	c	Isem tat-Triq	O			an..65
	d	Numru tat-Triq	O			an..11
	e	Kodiċi postali	O			an..10
	f	Belt	O			an..50
	g	NAD_LNG	C	"R" jekk jintuża l-ispazju għat-test korrispondenti	Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentat fil-Lista tal-kodiċijiet 1 tal-Anness II sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp ta' *data*.	a2
4		**UFFIĊĊJU tad-Dispaċċ — Importazzjoni**	C	"R" jekk il-Kodiċi tat-Tip tal-Oriġini fil-kaxxa 9d jkun "2"		
	a	Numru tar-Referenza tal-Uffiċċju	R		Ipprovdi l-kodiċi tal-uffiċċju doganali responsabbli mill-approvazzjoni għal ċirkolazzjoni ħielsa. Ara l-Lista tal-kodiċijiet 5 tal-Anness II.	an8
5		**KUMMERĊJANT Konsenjatarju**	C	"R", minbarra l-messaġġ tat-tip "2 — Sottomissjoni għall-esportazzjoni b'approvazzjoni lokali" jew għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 8 *(Ara l-Kodiċijiet tat-Tip tad-Destinazzjoni fil-kaxxa 1a)*		
	a	Identifikazzjoni tal-kummerċjant	C	— "R" għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 1, 2, 3 u 4 — "O" għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 6 — Dan l-element ta' *data* ma japplikax għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 5 *(Ara l-Kodiċijiet tat-Tip tad-Destinazzjoni fil-kaxxa 1a)*	Għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni: — 1, 2, 3 u 4: ipprovdi numru tar-reġistrazzjoni SEED validu tal-persuna awtorizzata għaż-żamma tal-maħżen jew konsenjatarju reġistrat, — 6: ipprovdi n-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT tal-persuna li tirrappreżenta lill-konsenjatur fl-uffiċċju tal-esportazzjoni.	an..16
	b	Isem il-Kummerċjant	R			an..182

▼M7

A	B	C	D	E	F	G
	c	Isem tat-Triq	R			an..65
	d	Numru tat-Triq	O			an..11
	e	Kodiċi postali	R			an..10
	f	Belt	R			an..50
	g	NAD_LNG	R		Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentat fil-Lista tal-kodiċijiet 1 tal-Anness II sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp ta' *data*.	a2
	h	Numru tal-EORI	C	— "O" għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 6 — Dan l-element ta' *data* ma japplikax għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 1, 2, 3, 4, 5 u 8 *(Ara l-Kodiċijiet tat-Tip tad-Destinazzjoni fil-kaxxa 1a)*	Ipprovdi n-numru tal-EORI tal-persuna responsabbli mill-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni kif stipulat fl-Artikolu 21(5) tad-Direttiva 2008/118/KE.	an..17
6		**KUMPLIMENT TAL-KUMMERĊJANT** **Konsenjatarju**	C	"R" għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 5 *(Ara l-Kodiċijiet tat-Tip tad-Destinazzjoni fil-kaxxa 1a)*		
	a	Kodiċi tal-Istat Membru	R		Ipprovdi l-Istat Membru tad-destinazzjoni bl-użu tal-Kodiċi tal-Istat Membru fil-Lista tal-kodiċijiet 3 tal-Anness II.	a2
	b	Numru tas-Serje taċ-Ċertifikat ta' Eżenzjoni	D	"R" jekk numru tas-serje jissemma fiċ-ċertifikat tal-eżenzjoni tad-dazju tas-sisa stabbilit fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 31/96 ([1])		an..255

▼M7

A	B	C	D	E	F	G
7		**KUMMERĊJANT Post tal-Kunsinna**	C	— “R” għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 1 u 4 — “O” għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 2, 3 u 5 *(Ara l-Kodiċijiet tat-Tip tad-Destinazzjoni fil-kaxxa 1a)*	Ipprovdi l-post proprju tal-konsenja tal-prodotti soġġetti għas-sisa. Għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 2, il-grupp ta’ *data*: — huwa “O” għall-e-AD, għaliex l-Istat Membru tad-dispaċċ jista’ jimla din il-kaxxa bl-indirizz tal-kunsinjatarju reġistrat definit fis-SEED, — ma japplikax għall-abbozz tal-e-AD.	—
	a	Identifikazzjoni tal-kummerċjant	C	— “R” għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 1 — “O” għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 2, 3 u 5 *(Ara l-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni fil-kaxxa 1a)*	Għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni: — 1: ipprovdi numru tar-reġistrazzjoni SEED validu għall-maħżen tat-taxxa tad-destinazzjoni, — 2, 3 u 5: ipprovdi n-numru ta’ identifikazzjoni tal-VAT jew kwalunkwe identifikatur ieħor.	an..16
	b	Isem il-Kummerċjant	C	— “R” għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 1, 2, 3 u 5 — “O” għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 4 *(Ara l-Kodiċijiet tat-Tip tad-Destinazzjoni fil-kaxxa 1a)*		an..182
	c	Isem tat-Triq	C	Għall-kaxxa 7c, 7e u 7f: — “R” għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 2, 3, 4 u 5 — “O” għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 1 *(Ara l-Kodiċijiet tat-Tip tad-Destinazzjoni fil-kaxxa 1a)*		an..65
	d	Numru tat-Triq	O			an..11
	e	Kodiċi postali	C			an..10
	f	Belt	C			an..50
	g	NAD_LNG	C	“R” jekk jintuża l-ispazju għat-test korrispondenti	Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentat fil-Lista tal-kodiċijiet 1 tal-Anness II sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f’dan il-grupp ta’ *data*.	a2

▼M7

A	B	C	D	E	F	G
8		**UFFIĊĊJU Post tal-Konsenja — Dwana**	C	"R" fil-każ tal-esportazzjoni (Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 6) *(Ara l-Kodiċijiet tat-Tip tad-Destinazzjoni fil-kaxxa 1a)*		
	a	Numru tar-Referenza tal-Uffiċċju	R		Ipprovdi l-kodiċi tal-uffiċċju tal-esportazzjoni li fih se tkun ippreżentata d-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni. Ara l-Lista tal-kodiċijiet 5 tal-Anness II.	an8
9		**e-AD**	R			
	a	Numru ta' Referenza Lokali	R		Numru tas-serje uniku assenjat lill-e-AD mill-konsenjatur li jidentifika l-kunsinna fir-reġistri tal-konsenjatur.	an..22
	b	Numru tal-Fattura	R		Ipprovdi n-numru tal-fattura relatata mal-prodotti. Jekk il-fattura tkun għadha ma tħejjietx, jenħtieġ li jingħata n-numru tan-nota tal-konsenja jew ta' kwalunkwe dokument ieħor tat-trasport.	an..35
	c	Data tal-Fattura	O	L-Istat Membru tad-dispaċċ jista' jiddeċiedi li jagħmel din id-*data*"R"	Id-data tad-dokument murija fil-kaxxa 9b.	Date
	d	Kodiċi tat-Tip tal-Oriġini	R		Il-valuri possibbli għall-oriġini tal-moviment huma: 1 = Oriġini — Maħżen tat-taxxa (fis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 17(1)(a) tad-Direttiva 2008/118/KE), 2 = Oriġini — Importazzjoni (fis-sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(1)(b) tad-Direttiva 2008/118/KE).	n1
	e	Data tad-Dispaċċ	R		Id-data li fiha jibda l-moviment f'konformità mal-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2008/118/KE. Din id-data ma tistax tkun aktar tard minn 7 ijiem wara d-data ta' sottomissjoni tal-abbozz tal-e-AD. Id-data tad-dispaċċ tista' tkun data fil-passat fil-każ imsemmi fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 2008/118/KE.	Date
	f	Ħin tad-Dispaċċ	O	L-Istat Membru tad-dispaċċ jista' jiddeċiedi li jagħmel din id-*data*"R"	Il-ħin li fih jibda l-moviment f'konformità mal-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2008/118/KE. Il-ħin indirizzat huwa l-ħin lokali.	Time

▼M7

A	B	C	D	E	F	G
	g	ARC Upstream	D	Irid jiġi pprovdut mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-dispaċċ mal-validazzjoni tal-e-ADs ġodda wara l-validazzjoni tal-messaġġ "Operazzjoni ta' qsim" (it-Tabella 5)	L-ARC li jrid jiġi pprovdut huwa l-ARC tal-e-AD sostitwit.	an21
9.1		**SAD IMPORTAZZJONI**	C	"R" jekk il-Kodiċi tat-Tip tal-Oriġini fil-kaxxa 9d ikun "2" (importazzjoni)		**9X**
	a	Numru SAD tal-Importazzjoni	R	In-Numru SAD għandu jiġi pprovdut mill-konsenjatur fil-ħin ta' sottomissjoni tal-abbozz tal-e-AD jew mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-dispaċċ mal-validazzjoni tal-abbozz tal-e-AD	Ipprovdi n-numru/i tad-dokument(i) amministrattiv(i) uniku/uniċi użat(i) għall-approvazzjoni tal-prodotti kkonċernati għal ċirkolazzjoni ħielsa.	an..21
10		**UFFIĊĊJU Awtorità Kompetenti fil-post tad-Dispaċċ**	R			
	a	Numru tar-Referenza tal-Uffiċċju	R		Ipprovdi l-kodiċi tal-uffiċċju tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru tad-dispaċċ responsabbli għall-kontroll tas-sisa fil-post tad-dispaċċ. Ara l-Lista tal-kodiċijiet 5 tal-Anness II.	an8
11		**GARANZIJA TAL-MOVIMENT**	R			
	a	Kodiċi tat-Tip tal-Garanti	R		Identifika l-persuna/i responsabbli sabiex tipprovdi/jipprovdu l-kodiċi tat-tip ta' garanzija fil-Lista tal-kodiċijiet 6 tal-Anness II.	n..4
12		**KUMMERĊJANT Garanti**	C	"R" jekk japplika wieħed mill-Kodiċijiet tat-Tip tal-Garanti li ġejjin: 2, 3, 12, 13, 23, 24, 34, 123, 124, 134, 234 jew 1234 *(Ara l-Kodiċi tat-Tip tal-Garanti fil-Lista tal-kodiċijiet 6 tal-Anness II)*	Identifika t-trasportatur u/jew is-sid tal-prodotti jekk dawn jipprovdu l-garanzija.	**2X**

▼M7

A	B	C	D	E	F	G
	a	Numru tas-Sisa tal-Kummerċjant	O	L-Istat Membru tad-dispaċċ jista' jiddeċiedi li jagħmel din id-*data*"R"	Ipprovdi numru tar-reġistrazzjoni SEED validu jew numru tal-identifikazzjoni tal-VAT tat-trasportatur jew tas-sid tal-prodotti soġġetti għas-sisa.	an13
	b	Numru tal-VAT	O			an..14
	c	Isem il-Kummerċjant	C	Għal 12c, d, f u g: "O" jekk jiġi pprovdut Numru tas-Sisa tal-Kummerċjant, u "R" f'każijiet oħra		an..182
	d	Isem tat-Triq	C			an..65
	e	Numru tat-Triq	O			an..11
	f	Kodiċi postali	C			an..10
	g	Belt	C			an..50
	h	NAD_LNG	C	"R" jekk jintuża l-ispazju għat-test korrispondenti	Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentat fil-Lista tal-kodiċijiet 1 tal-Anness II sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp ta' *data*.	a2
13		**TRASPORT**	R			
	a	Kodiċi tal-Mezz tat-Trasport	R		Ipprovdi l-mezz tat-trasport fil-ħin tal-bidu tal-moviment, bl-użu tal-kodiċijiet fil-Lista tal-kodiċijiet 7 tal-Anness II. Jekk il-Kodiċi tat-Tip tal-Garanti jkun "Ma hi pprovduta l-ebda garanzija skont l-Artikolu 18(4)(b) ta' 2008/118/KE" il-Kodiċi tal-Mezz tat-Trasport irid ikun "Trasport bil-Baħar" jew "Installazzjonijiet fissi ta' trasport".	n..2
	b	Informazzjoni Kumplimentari	C	"R" jekk il-Kodiċi tal-Mezz tat-Trasport ikun "Oħrajn" "O" f'każijiet oħra	Ipprovdi deskrizzjoni testwali tal-mezz tat-trasport.	an..350
	c	Informazzjoni Kumplimentari_LNG	C	"R" jekk jintuża l-ispazju għat-test korrispondenti	Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa, ara l-Lista tal-kodiċijiet 1 tal-Anness II sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp ta' *data*.	a2

▼M7

A	B	C	D	E	F	G
14		**KUMMERĊJANT Organizzatur tat-Trasport**	C	"R" sabiex tiġi identifikata l-persuna responsabbli mill-organizzazzjoni tal-ewwel trasport jekk il-valur fil-kaxxa 1c ikun "3" jew "4"		
	a	Numru tal-VAT	O	L-Istat Membru tad-dispaċċ jista' jiddeċiedi li jagħmel din id-*data*"R"		an..14
	b	Isem il-Kummerċjant	R			an..182
	c	Isem tat-Triq	R			an..65
	d	Numru tat-Triq	O			an..11
	e	Kodiċi postali	R			an..10
	f	Belt	R			an..50
	g	NAD_LNG	R		Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentat fil-Lista tal-kodiċijiet 1 tal-Anness II sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp ta' *data*.	a2
15		**KUMMERĊJANT L-Ewwel Trasportatur**	O	L-Istat Membru tad-dispaċċ jista' jiddeċiedi li jagħmel din id-*data*"R"	Identifika l-persuna li twettaq l-ewwel trasport.	
	a	Numru tal-VAT	O			an..14
	b	Isem il-Kummerċjant	R			an..182
	c	Isem tat-Triq	R			an..65
	d	Numru tat-Triq	O			an..11
	e	Kodiċi postali	R			an..10
	f	Belt	R			an..50
	g	NAD_LNG	R		Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa, ara l-Lista tal-kodiċijiet 1 tal-Anness II sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp ta' *data*.	a2

▼M7

A	B	C	D	E	F	G
16		**DETTALJI TAT-TRASPORT**	R			**99X**
	a	Kodiċi tal-Unità tat-Trasport	R		Ipprovdi l-Kodiċi(jiet) tal-Unità tat-Trasport marbut(in) mal-mezz tat-trasport indikat fil-kaxxa 13a. Ara l-Lista tal-kodiċijiet 8 tal-Anness II.	n..2
	b	Identità tal-Unitajiet tat-Trasport	C	"R" jekk il-Kodiċi tal-Unità tat-Trasport ma jkunx 5 *(Ara l-kaxxa 16a)*	Daħħal in-numru ta' reġistrazzjoni tal-unità/jiet tat-trasport meta l-Kodiċi tal-Unità tat-Trasport ma jkunx 5.	an..35
	c	Identità tas-Siġill Kummerċjali	D	"R" jekk jintużaw siġilli kummerċjali	Ipprovdi l-identifikazzjoni tas-siġilli kummerċjali, jekk użati sabiex jissiġillaw l-unità tat-trasport.	an..35
	d	Informazzjoni dwar is-Siġill	O		Ipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali dwar dawk is-siġilli kummerċjali (eż. it-tip ta' siġilli użati).	an..350
	e	Informazzjoni dwar is-Siġill_LNG	C	"R" jekk jintuża l-ispazju għat-test korrispondenti	Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentat fil-Lista tal-kodiċijiet 1 tal-Anness II sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp ta' *data*.	a2
	f	Informazzjoni Kumplimentari	O		Ipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali dwar it-trasport, eż. l-identità ta' kwalunkwe trasportatur sussegwenti, l-informazzjoni dwar l-unitajiet tat-trasport sussegwenti.	an..350
	g	Informazzjoni Kumplimentari_LNG	C	"R" jekk jintuża l-ispazju għat-test korrispondenti	Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentat fil-Lista tal-kodiċijiet 1 tal-Anness II sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp ta' *data*.	a2
17		**Korp tal-E-AD**	R		Irid jintuża grupp ta' *data* separat għal kull prodott li jagħmel parti mill-konsenja.	**999x**
	a	Referenza Unika tar-Rekord tal-Korp	R		Ipprovdi numru ta' sekwenza uniku, li jibda minn 1.	n..3

▼M7

A	B	C	D	E	F	G
	b	Kodiċi tal-Prodott tas-Sisa	R		Ipprovdi l-kodiċi tal-Prodott tas-Sisa applikabbli, ara l-Lista tal-kodiċijiet 11 tal-Anness II. Jekk il-Kodiċi tat-Tip tal-Garanti jkun "L-ebda garanzija ipprovduta skont l-Artikolu 18(4)(b) ta' 2008/118/KE", il-Kodiċi tal-Prodott tas-Sisa jrid ikun dak ta' prodott tal-enerġija.	an4
	c	Kodiċi NM	R		Ipprovdi l-Kodiċi NM applikabbli fid-data tad-dispaċċ. Il-valur ta' dan l-element ta' *data* jrid ikun ikbar minn żero	n8
	d	Kwantità	R		Ipprovdi kwantità (espressa fl-unità tal-kejl assoċjata mal-kodiċi tal-prodott — Ara l-Listi tal-kodiċijiet 11 u 12 tal-Anness II). Għal moviment lejn konsenjatarju reġistrat imsemmi fl-Artikolu 19(3) tad-Direttiva 2008/118/KE, il-kwantità ma għandhiex taqbeż il-kwantità li huwa awtorizzat li jirċievi. Għal moviment għal organizzazzjoni eżentata msemmija fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2008/118/KE, il-kwantità ma għandhiex taqbeż il-kwantità rreġistrata fiċ-ċertifikat tal-eżenzjoni mid-dazju tas-sisa. Il-valur ta' dan l-element ta' *data* jrid ikun ikbar minn żero	n..15,3
	e	Piż Gross	R		Ipprovdi l-piż gross tal-kunsinna (il-prodotti soġġetti għas-sisa bl-imballaġġ). Il-valur ta' dan l-element ta' *data* jrid ikun ikbar minn żero Il-Piż Gross irid ikun l-istess bħall-Piż Nett, jew akbar minnu.	n..15,2
	f	Piż Nett	R		Ipprovdi l-piż tal-prodotti soġġetti għas-sisa mingħajr l-imballaġ (għall-alkoħol u x-xarbiet alkoħoliċi, prodotti tal-enerġija u l-prodotti kollha tat-tabakk minbarra s-sigaretti). Il-valur ta' dan l-element ta' *data* jrid ikun ikbar minn żero	n..15,2

▼M7

A	B	C	D	E	F	G
					Il-Piż Gross irid ikun l-istess bħall-Piż Nett, jew akbar minnu.	
	g	Qawwa Alkoħolika Skont il-Volum, f'Perċentwal	C	"R" jekk applikabbli għall-prodott soġġett għas-sisa kkonċernat	Ipprovdi l-qawwa alkoħolika (perċentwal skont il-volum f'20 °C) jekk applikabbli f'konformità mal-Lista tal-kodiċijiet 11 tal-Anness II. Il-valur ta' dan l-element ta' *data* jrid ikun ikbar minn żero Il-valur ta' dan l-element ta' *data* jrid ikun akbar minn 0,5 u inqas minn jew ugwali għal 100.	n..5,2
	h	Grad Plato	D	"R" jekk l-Istat Membru tad-dispaċċ u/jew l-Istat Membru tad-destinazzjoni jintaxxaw il-birra abbażi tal-grad Plato	Għall-birra, ipprovdi l-Grad Plato jekk l-Istat Membru tad-dispaċċ u/jew l-Istat Membru tad-destinazzjoni jintaxxaw il-birra fuq dik il-bażi. Ara l-Lista tal-kodiċijiet 11 tal-Anness II. Il-valur ta' dan l-element ta' *data* jrid ikun ikbar minn żero	n..5,2
	i	Marka Fiskali	O		Ipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali dwar il-marki fiskali mitluba mill-Istat Membru tad-destinazzjoni.	an..350
	j	Marka Fiskali_LNG	C	"R" jekk jintuża l-ispazju għat-test korrispondenti	Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentat fil-Lista tal-kodiċijiet 1 tal-Anness II sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp ta' *data*.	a2
	k	Indikatur tal-Marka Fiskali Użata	D	"R" jekk jintużaw marki fiskali	Ipprovdi "1" jekk il-prodotti jkollhom fuqhom jew fihom marki fiskali jew "0" jekk il-prodotti ma jkollhomx fuqhom jew fihom marki fiskali.	n1
	l	Denominazzjoni tal-Oriġini	O		Din il-kaxxa tista' tintuża sabiex tagħti ċertifikazzjoni: 1: fil-każ ta' ċerti nbejjed, marbuta mad-denominazzjoni ta' oriġini protetta jew l-indikazzjoni ġeografika protetta (DOP jew IĠP) u s-sena inizjali jew il-varjetà/ajiet tal-għenba, f'konformità mal-Artikoli 24 u 31 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 436/2009 [2], iċ-Ċertifikazzjoni għandha tingħata skont it-termini li ġejjin: "*B'dan qed jiġi ċċertifikat li l-prodott deskritt ġie prodott f'konformità mar-regoli previsti fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [3] *u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu*". Jekk il-prodott huwa DOP jewIĠP	an..350

▼M7

A	B	C	D	E	F	G
					it-termini huma segwiti mill-isem/ismijiet tad-DOP jew tal-IĠP u n-numru/i ta' reġistrazzjoni tagħha kif previst fl-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 607/2009 ([4]). 2: fil-każ ta' ċertu xorb spirituż, li għalih il-kummerċjalizzazzjoni hija relatata mal-kategorija jew kategoriji tal-alkoħol, l-indikazzjoni ġeografika (IĠ) jew l-età tal-prodott, f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti dwar ix-xorb spirituż (b'mod partikolari l-Artikoli 4, 12(3) u 15 u l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5])), iċ-Ċertifikazzjoni għandha tingħata skont it-termini li ġejjin: "*B'dan qed jiġi ċċertifikat li l-prodott(i) deskritt(i) ġie/ġew imqiegħed/imqiegħda fis-suq u ttikkettat(i) f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikoli 4, 12(3) u 15 u l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu*". 3: għal birra prodotta minn birrerija żgħira indipendenti, kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE ([6]), li għaliha huwa maħsub li tintalab rata mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fl-Istat Membru tad-destinazzjoni. Jenħtieġ li tingħata ċertifikazzjoni skont it-termini li ġejjin: "*Bil-preżenti qiegħed jiġi ċċertifikat li l-prodott deskritt ġie prodott minn birrerija żgħira indipendenti.*" 4: għal alkoħol etiliku distillat minn distillerija żgħira, kif definit fid-Direttiva 92/83/KEE, li għalih huwa maħsub li tintalab rata mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fl-Istat Membru tad-destinazzjoni. Jenħtieġ li tingħata ċertifikazzjoni skont it-termini li ġejjin: "*Bil-preżenti, qiegħda jiġi ċċertifikat li l-prodott deskritt ġie prodott minn distillerija żgħira*".	
	m	Denominazzjoni tal-Oriġini_LNG	C	"R" jekk jintuża l-ispazju għat-test korrispondenti	Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentat fil-Lista tal-kodiċijiet 1 tal-Anness II sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp ta' *data*.	a2
	n	Daqs tal-Produttur	O		Għal birra jew spirti, li għalihom hija mogħtija ċ-ċertifikazzjoni fil-kamp 17 l (Denominazzjoni tal-Oriġini), ipprovdi l-produzzjoni annwali tas-sena preċedenti f'ettolitri ta' birra jew f'ettolitri ta' alkoħol pur rispettivament. Il-valur ta' dan l-element ta' *data* jrid ikun ikbar minn żero	n..15

▼M7

A	B	C	D	E	F	G
	o	Densità	C	"R" jekk applikabbli għall-prodott soġġett għas-sisa kkonċernat	Ipprovdi d-densità fi 15 °C, jekk applikabbli f'konformità mal-Lista tal-kodiċijiet 11 tal-Anness II. Il-valur ta' dan l-element ta' *data* jrid ikun ikbar minn żero	n..5,2
	p	Deskrizzjoni Kummerċjali	O	L-Istat Membru tad-dispaċċ jista' jiddeċiedi li jagħmel din id-*data* obbligatorja	Ipprovdi d-deskrizzjoni kummerċjali tal-prodotti sabiex tidentifika l-prodotti ttrasportati. Għall-ġarr bl-ingrossa tal-inbejjed imsemmija fil-paragrafi 1 sa 9, 15 u 16 tal-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, id-deskrizzjoni tal-prodott għandu jkollha d-dettalji fakultattivi stabbiliti fl-Artikolu 120 ta' dak ir-Regolament, diment li dawn ikunu jidhru fuq it-tikkettar jew ikun previst li jidhru fuq it-tikkettar.	an..350
	q	Deskrizzjoni Kummerċjali_LNG	C	"R" jekk jintuża l-ispazju għat-test korrispondenti	Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentat fil-Lista tal-kodiċijiet 1 tal-Anness II sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp ta' *data*.	a2
	r	Trademark tal-Prodotti	D	"R" jekk il-prodotti soġġetti għas-sisa għandhom trademark. L-Istat Membru tad-dispaċċ jista' jiddeċiedi li t-trademark tal-prodotti ttrasportati ma jridx jiġi pprovdut jekk ikun mogħti fil-fattura jew dokument kummerċjali ieħor imsemmi fil-kaxxa 9b	Ipprovdi t-trademark tal-prodotti, jekk applikabbli.	an..350
	s	Trademark tal-Prodotti_LNG	C	"R" jekk jintuża l-ispazju għat-test korrispondenti	Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentat fil-Lista tal-kodiċijiet 1 tal-Anness II sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp ta' *data*.	a2
17.1		**PAKKETT**	R			**99x**
	a	Kodiċi tat-Tip ta' Pakketti	R		Ipprovdi t-tip ta' pakkett, bl-użu ta' wieħed mill-kodiċijiet fil-Lista tal-kodiċijiet 9 tal-Anness II.	an2
	b	Għadd ta' Pakketti	C	"R" jekk immarkat "Jista' jingħadd"	Ipprovdi l-għadd ta' pakketti jekk il-pakketti jistgħu jingħaddu f'konformità mal-Lista tal-kodiċijiet 9 tal-Anness II. Fil-każ li "Għadd ta' Pakketti" tiġi ssettjata għal "0", għandu jkun hemm talanqas PAKKETT wieħed bl-istess "Marki tal-ispedizzjoni" u "Għadd ta' Pakketti" b'valur akbar minn "0".	n..15

▼M7

A	B	C	D	E	F	G
	c	Identità tas-Siġill Kummerċjali	D	"R" jekk jintużaw siġilli kummerċjali	Ipprovdi l-identifikazzjoni tas-siġilli kummerċjali, jekk użati sabiex jissiġillaw il-pakketti.	an..35
	d	Informazzjoni dwar is-Siġill	O		Ipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali dwar dawk is-siġilli kummerċjali (eż. it-tip ta' siġilli użati).	an..350
	e	Informazzjoni dwar is-Siġill_LNG	C	"R" jekk jintuża l-ispazju għat-test korrispondenti	Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentat fil-Lista tal-kodiċijiet 1 tal-Anness II sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp ta' *data*.	a2
	f	Marki ta' Spedizzjoni	C	— "R" jekk Għadd ta' Pakketti tkun 0 "O" f'każijiet oħra		an..999
17.2		**PRODOTT TAL-INBID**	D	"R" għal prodotti tal-inbid inklużi fil-Parti XII tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013		
	a	Kategorija ta' Prodott tal-Inbid	R		Għal prodotti tal-inbid inklużi fil-Parti XII tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, ipprovdi wieħed mill-valuri li ġejjin: 1 = Inbid mingħajr DOP/IĠP, 2 = Inbid varjetali mingħajr DOP/IĠP, 3 = Inbid b'DOP jew IĠP, 4 = Inbid importat, 5 = Other	n1
	b	Kodiċi taż-Żona ta' Vitikultura	D	"R" għal prodotti tal-inbid bl-ingrossa (volum nominali ta' iktar minn 60 litru)	Ipprovdi ż-żona ta' vitikultura li minnha joriġina l-prodott ittrasportat f'konformità mal-Appendiċi 1 tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.	n..2
	c	Pajjiż terz tal-oriġini	C	"R" jekk il-Kategorija tal-Prodott tal-Inbid fil-kaxxa 17.2a tkun "4" (inbid importat)	Ipprovdi "Kodiċi tal-Pajjiż" elenkat fil-Lista tal-kodiċijiet 4 tal-Anness II, iżda mhux elenkat fil-Lista tal-kodiċijiet 3 tal-Anness II u ħlief il-"Kodiċi tal-Pajjiż""GR".	a2
	d	Informazzjoni Oħra	O			an..350
	e	Informazzjoni Oħra_LNG	C	"R" jekk jintuża l-ispazju għat-test korrispondenti	Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentat fil-Lista tal-kodiċijiet 1 tal-Anness II sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp ta' *data*.	a2

▼M7

A	B	C	D	E	F	G
17.2.1		**Kodiċi tal-OPERAZZJONI TAL-INBID**	D	"R" għal prodotti tal-inbid bl-ingrossa (volum nominali ta' iktar minn 60 litru)		**99x**
	a	Kodiċi tal-Operazzjoni tal-Inbid	R		Ipprovdi "Kodiċi tal-operazzjoni tal-inbid" wieħed jew aktar f'konformità mal-lista fil-punt 1.4(b) tal-Parti B tal-Anness VI tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 436/2009.	n..2
18		**Ċertifikat tad-DOKUMENT**	O			**9x**
	a	Deskrizzjoni Qasira tad-Dokument	C	"R", sakemm ma tintużax il-kamp ta' *data* 18c jew 18e	Ipprovdi deskrizzjoni ta' kwalunkwe ċertifikat li jirrigwarda l-prodotti ttrasportati, pereżempju ċertifikati li jirrigwardaw id-Denominazzjoni tal-Oriġini msemmija fil-kaxxa 17 l.	an..350
	b	Deskrizzjoni Qasira tad-Dokument_LNG	C	"R" jekk jintuża l-kamp għat-test korrispondenti	Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentat fil-Lista tal-kodiċijiet 1 tal-Anness II sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp ta' *data*.	a2
	c	Referenza tad-Dokument	C	"R", sakemm ma tintużax il-kamp ta' *data* 18a jew 18e	Ipprovdi referenza għal kwalunkwe ċertifikat li jirrigwarda l-prodotti ttrasportati.	an..350
	d	Referenza tad-Dokument_LNG	C	"R" jekk jintuża l-ispazju għat-test korrispondenti	Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentat fil-Lista tal-kodiċijiet 1 tal-Anness II sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp ta' *data*.	a2
	e	Tip tad-Dokument	C	"R", sakemm ma tintużax il-kamp ta' *data* 18a jew 18c	Ipprovdi l-kodiċi tat-tip tad-dokument ippreżentat fil-Lista ta' kodiċijiet 15 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 323/2016.	an..4
	f	Referenza tad-Dokument	C	"R" jekk fil-kaxxa 18e tintuża Tip tad-Dokument		an..35

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 31/96 tal-10 ta' Jannar 1996 dwar iċ-ċertifikat tal-eżenzjoni mit-taxxa tas-sisa (ĠU L 8, 11.1.1996, p. 11).

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 436/2009 tas-26 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 f'dak li jirrigwarda r-reġistru tal-vinji, il-prospetti obbligatorji u l-istabbiliment ta' tagħrif għall-monitoraġġ tas-suq, id-dokumenti li jakkumpanjaw il-ġarr tal-prodotti u r-reġistri li għandhom jinżammu fis-settur tal-vinji tal-inbid (ĠU L 128, 27.5.2009, p. 15).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 607/2009 tal-14 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 fir-rigward tad-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, termini tradizzjonali, it-tikkettar u l-preżentazzjoni ta' ċerti prodotti fis-settur tal-inbid (ĠU L 193, 24.7.2009, p. 60).

([5]) Ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spirituż u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 (ĠU L 39, 13.2.2008, p. 16).

([6]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku (ĠU L 316, 31.10.1992, p. 21).

▼M4

Tabella 2

(imsemmija fl-Artikolu 4(1))

Kanċellazzjoni

A	B	C	D	E	F	G
1		**ATTRIBUT**	R			
	a	Data u Ħin tal-Validazzjoni tal-Kanċellazzjoni	C	Għandu jiġi pprovdut mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-dispaċċ mal-validazzjoni tal-abbozz tal-messaġġ tal-kanċellazzjoni	Il-ħin indirizzat huwa l-ħin lokali	data Ħin
2		**e-AD RELATAT MAL-MOVIMENT TAS-SISA**	R			
	a	ARC	R		Ipprovdi l-ARC tal-e-AD li għalih il-kanċellazzjoni hija mitluba	an21
3		**KANĊELLAZZJONI**	R			
	a	Raġuni għall-Kanċellazzjoni	R		Ipprovdi r-raġuni għall-kanċellazzjoni tal-e-AD, bl-użu ta' wieħed mill-kodiċijiet fl-Anness II, Lista tal-Kodiċijiet 10	n1
	b	Informazzjoni Kumplimentari	C	— "R" jekk ir-Raġuni għall-Kanċellazzjoni hija 0 — "O" jekk ir-Raġuni għall-Kanċellazzjoni hija 1, 2, 3 jew 4 *(Ara l-kaxxa 3.a)*	Ipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali dwar il-kanċellazzjoni tal-eA-D	an..350
	c	Informazzjoni Kumplimentari_LNG	C	"R" jekk jintuża l-ispazju għat-test korrispondenti	Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentata fl-Anness II, il-Lista tal-kodiċijiet 1 sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp tad-dejta	a2

▼M5

Tabella 3

(imsemmija fl-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 8(2))

Bidla fid-destinazzjoni

A	B	C	D	E	F	G
1		**ATTRIBUT**	R			
	a	Data u Ħin tal-Validazzjoni tal-Bidla fid-Destinazzjoni	C	Irid jiġi pprovdut mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-dispaċċ mal-validazzjoni tal-abbozz tal-messaġġ tal-bidla fid-destinazzjoni	Il-ħin indirizzat huwa l-ħin lokali.	data Ħin
2		**Aġġornament tal-e-AD**	R			
	a	Numru tas-Sekwenza	C	Irid jiġi pprovdut mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-dispaċċ mal-validazzjoni tal-abbozz tal-messaġġ tal-bidla fid-destinazzjoni	Jibda bħala 1 fil-validazzjoni inizjali tal-e-AD u wara inkrimentat b'1 ma' kull bidla fid-destinazzjoni.	n..2
	b	ARC	R		Ipprovdi l-ARC tal-e-AD li għalih hija mibdula d-destinazzjoni.	an21
